# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 675/92 JF**

**Joseph Zammit**

**vs**

**John Sammut u Silvio Sammut bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' TAL-BLAT COMPANY LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur jinsab kreditur tal-konvenuti nomine fis-somma ta' sitt mija u disgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm699.50) prezz ta' gebel u materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u konsenjat lilhom qabel l-ewwel ta' Marzu 1991.

U premess illi l-konvenuti nomine baqghu ma hallsux din is-somma minkejja li gew interpellati jaghmlu dan diversi drabi.

U premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur, il-konvenuti nomine ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-attur qed jannetti wkoll ma' dan l-att, affidavit markat Dokument 'A' a tenur tal-imsemmija artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti nomine solidalment flimkien ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u disgha u disghin lira Maltin u hamsin

centezmu (Lm699.50) prezz ta' gebel u materjal tal' kostruzzjoni mibjugh u konsenjat lilhom qabel l-ewwel ta' Marzu 1991.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-affidavit Dokument 'A' u tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' April 1992 u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mill-ewwel (1) ta' Marzu 1991 kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante n-nuqqas tal-prezentazzjoni tad-dikjarazzjoni konfermata bil-gurament a bazi ta' l-Artikolu 156 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, izda ukoll in linea preliminari n-nullita' tac-citazzjoni stante n-nuqqas tan-notifika lis-socjeta' konvenuta bid-dikjarazzjoni li kellha tigi pprezentata mac-citazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 157, tal-Ligijiet ta' Malta, f'Kapitolu 12;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u wkoll in linea preliminari, is-socjeta' konvenuta mhux il-legittima kontradittrici stante li ma hemmx pendenzi ma' l-attur;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet precedenti, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li mhux minnu li s-socjeta' konvenuta xtrat dak l-allegat gebel u materjal ta' kostruzzjoni, allegatament ammontanti ghas-somma ta' Lm699.50,0 u li wkoll ghalhekk l-istess socjeta' mhijiex debitrici f'dan l-ammont versu l-attur, stante li jekk kien hemm xi pendenzi bejn il-partijiet, tali pendenzi kienu gew saldati;

5. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti John Sammut u Silvio Sammut fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ghat-tenur t'artiklu elfejn mija u tmienja u erbghin (2148) ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u ezaminat l-"affidavits" li gewipprezentati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-digrieti moghtija;

Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob hlas fis-somma ta' Lm699.50c minghand is-socjeta' konvenuta, prezz ta' gebel u materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat lilhom skond kif muri dettaljatament fid-dokumenti Dok JZ1 sa Dok JZ7 (a fol. 22 – 26 tal-process), li jirraprezentaw elaborazzjoni tal-"invoices" li taghhom giet esebita kopja – ara fol. 32 – 34 tal-process.

Il-konvenuti nomine, wara li rtiraw formalment l-ewwel zewg eccezzjonijiet (ara nota a fol. 20 tal-process) eccepew ukoll li bejn is-socjeta' konvenuta u bejn l-attur ma kien hemm ebda pendenzi ta' hlas, li l-gebel u materjal imsemmi mill-attur ma xtrawhx, li huma m'ghandhom jaghtu xejn bi hlas lill-attur.

Mill-provi akkwiziti l-attur xehed estensivament biex isostni t-talba tieghu. Il-konvenuti nomine baqghu jinsistu li huma ma kienu jafu b'ebda pendenzi a favur ta' l-attur kif dan irreklama. Kien hemm xi ordnijiet fl-1990 maghmulin minn wiehed minnhom u li gew debitament saldati. Fl-istess waqt pero' jigi nnutat li ebda wiehed mill-konvenuti John, Silvio u Mario, ahwa Sammut, ma jinnegaw li s-socjeta' konvenuta Tal-Blat Company Limited ma ghamlitx xoghlijiet fil-bnadi ndikati mill-attur dwar fejn gie kkunsinnat il-gebel u l-materjal de quo'.

Ix-xhieda ta' Francis Zammit hija determinanti ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza. Ghalkemm huwa minnu li dan Francis Zammit jahbat hu

l-attur, jibqa' l-fatt li fiz-zmien meta' l-allegat gebel u materjal gie kkunsinnat huwa kien azzjonijista u "managing director" tas-socjeta' konvenuta. Francis Zammit ikkonferma li sa Settembru 1991 huh (i.e. l-attur) kien ghadu ma thallasx tax-xoghol li fornixxa lis-socjeta' konvenuta. Mhuwiex sufficjenti ghall-konvenuti nomine li "jfarfru" minn kull responsabbilta' billi jghidu li huma ma kienu jafu b'ebda pendenzi meta dak li kellu f'idejh it-tmexxija tas-socjeta' konvenuta xehed bil-maqlub. Huwa minnu li jidher li nel frattemp kien hemm dizgwid bejn dan Francis Zammit u l-ahwa Sammut li wassal anke biex Zammit jittrasferilhom l-azzjonijiet tieghu fis-socjeta' u ma jibqax direttur imma dan ma jfissirx ukoll li b'daqshekk dak li kien ghadu mhux imhallas, imqar jekk kien kreditu ta' persuna li kienet hu Francis Zammit, allura dan il-kreditu ma jigix onorat. Bil-fatt imbaghad li, in precedenza f'okkazjoni ohra u separata, kienet saret ordni ohra minn wiehed mill-ahwa lill-attur ghall-fornitura ta' gebel u din thallset, ma jfissirx li din kellha tigi konfuza mal-pendenza in ezami. Fi kliem iehor, l-attur mhux jitlob u ma talabx hlas ta' xoghol li ha lil John Sammut proprio. Jekk xejn, dan il-fatt juri, u tkompli jikkonferma li l-attur gieli tqabbad biex iforni xoghol ta' gebel lill-ahwa Sammut u li l-attur kien kategoriku li l-gebel li tieghu baqa' ma thallasx ma kienx dak mehud lil John Sammut imma kien invece jirrigwarda fornituri lii saru fuq progetti jew appalti ohrajn intraprizi mis-socjeta' konvenuta. Fuq bazi ta' probabilita', il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tipprevalixxi l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur.

B'nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri l-konvenuti nomine ssollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-art. 2148 tal-Kap 16 - cjoe' dik ta' 18-il xahar – minghajr ma jindikaw taht liema inciz taghha riedu jinkwadrawha. Ghandu jigi rilevat, kif gie sottomess mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, li ghaliha ma saret l-ebda nota responsiva mill-konvenuti nomine, li skond Francis Zammit u l-istess attur, kien hemm dejjem rikonoxximent tad-debitu sa Settembru 1991, filwaqt li c-citazzjoni giet intavolata fil-15 ta' Mejju 1992. Illi kjarament ghalhekk ma jirrizultax li l-azzjoni attrici kienet preskritta, multo magis meta l-attur inghata x'jifhem ripetutament li huwa kien eventwalment ser jithallas. Mill-bqija, ghal dak li jikkoncerna l-quantum dovut, hemm bizzejjed provi li dan kien fis-somma li giet mitluba fl-att tac-citazzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u ghall-ammont mitlub kontra l-konvenuti nomine, bl-ispejjez gudizzjarji kontrihom.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md